# IT-TEMPJU TA' ĠERUSALEM

Wieħed mill-aktar imkejjen imqaddsa li hemm Ġerusalem, huwa l-wata fejn kien it-**Tempju** tal-Lhud, jew Ħakel, kif kienu jgħidulu huma. Huwa mkien l-aktar imqaddes, għax ġewwa fih saru l-aħħar u l-eħrex taqbidiet bejn Ġesù u l-kbarat tal-Lhud. Hemm ġew il-knisja Lhudija ċaħdet il-Messija li kien imwiegħed lilha minn Alla u li kienet ilha titlobulu mijiet ta' snin. Hemm sar il-qada, jew deċiżjoni tal-aħħar, bejn Alla u l-poplu tiegħu.

Inħarsu ħarsa ħafifa fuq il-Ħakel, jew Tempju, kif kien fi żmien Kristu, biex min jaqra jkollu ħjiel tajjeb ta' kif kien. Għax hawn ħafna nies li jaħsbu li t-Tempju ta' Ġerusalem kien xi knisja, bħal knejjes ta' Malta. Ħaġa li ma hi minnha xejn. Nistħajjluna li mmorru nżuruh, mela, u ninżlu għan-naħa tiegħu minn fuq Ġebel iż-Żejtun, jiġifieri minn fuq dik il-għolja li hawn Malta aktarx isemmuha l-Muntanja taż-Żebbuġ.

Minn fuq Ġebel iż-Żejtun, dak iż-żmien, kont tinżel għal ġewwa l-Wied ta' Kedron b'taraġ maqtugħ fil-blat, li kien fih minn fuq s'isfel, tmien mitt (800) tarġa. Imbagħad taqsam il-wied u titla' b'taraġ ieħor, maqtugħ fil-blat ukoll, in-naħa l-oħra, li kien fih mitejn u ħamsin (250) tarġa. X'ħin titla' u tilwi lejn ix-xellug, kont tiġi bħal fuq setaħ, fuq qisu sur, li kien fih għadd ta' griebeġ, kollha f'daqqa donnhom raħal żgħir, li kienu jaqdu ta' ħwienet biex jixtru minnhom il-barranin li jiġu jżuru l-Ħakel. Kienu jbiegħu fihom ikel u xorb, żejt u nbid, nagħaġ u mogħoż, ħrief u gidien u kull ma jaħtieġ min ikun għamel xi wegħda. Dik il-ġemgħa griebeġ kienu jgħidulhom **ħunajot,** jiġifieri l-ħwienet.

Minn ħada l-ħwienet kont tidħol ġewwa l-Ħakel jew **Tempju** minn bieb kbir, miżweġ, donnu l-bieb tal-Bombi t'hawn Malta; u kif tgħaddi minnu tara quddiemek taraġ. Titla' t-taraġ,



**Kif kien it-Tempju ta' Ġerusalem fi żmien Kristu.**
**Disinn maħdum mill-Inġinier-Arkeolgu De Vogue, li jingħad li hu l-aħjar wieħed li sar s'issa.**

u ssib ruħek ġewwa **kuridur** twil, mil-lemin għax-xellug, imsaqqaf, bil-ħnejjiet, rekbin fuq kolonni, miftuħ għannaħa ta' ġewwa. Kien fih bankijiet tal-ħaġar mat-tul kollu tal-ħajt.

Kif toħroġ minn taħt dawk il-ħnejjiet, tara quddiemek binja kbira, imdawra b'bitħa mill-erbat irjieħ. Ġewwa dil-bitħa kien jista' jidħol kull ħadd: nisa u rġiel; Lhud u m'humiex.

Imbagħad titla' erbatax-il tarġa u tgħaddi minn bieb kbir ieħor, u ssib ruħek ġewwa l-bitħa tan-nisa. Jgħidulha **tan-nisa,** m'hux għax kienu jistgħu jidħlu fiha n-nisa biss, imma għax sa ġewwa fiha biss kienu jistgħu jidħlu n-nisa Lhud, m'hux aktar 'il ġewwa. Kienet imdawra bi swali kbar u ġewwa fihom kienu jgħammru n-nisa romol, li jwegħdu ruħhom 'l Alla u l-bniet żgħar li kienu jrabbu, imwegħdin lill-Alla, sa kemm ikollhom tnax-il sena. Quddiem il-bieb il-kbir li għedna tidħol minnu, kien hemm taraġ magħmul nofs dawra, u malġnieb tiegħu kienu mdendlin il-kaxex, biex in-nies jixħtu fihom il-flus għal ħtiġiet tat-Tempju.

Titla' l-ħmistax-il tarġa tat-taraġ l-imdawwar u tgħaddi minn bieb sabiħ, b'xatba kbira tal-inħâs, jew **bronż,** u ssib ruħek f'bitħa oħra dejqa, li tilwi 'l ġewwa, fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Dik kienet il-bitħa mesmmija "Bitħa ta' Israel", li kienu jistgħu jidħlu fiha rġiel Lhud biss.

Mill-bitħa ta' kull ħadd għal bitħa tan-nisa, u minn hemm ukoll għal bitħa tar-rġiel, kien hemm sitt bibien. Ma' ġenb kull wieħed minn dawn il-bibien kien hemm kitba li tgħid li jekk xi ħadd li ma kienx Lhudi jidħol minn hemm 'il ġewwa, kien jista' jieħu l-mewt.

Mill-bitħa tar-rġiel kont titla' għal bitħa tal-qassisin, minn ħames tarġiet. Dil-bitħa kenet imrebbgħa, u kien fiha xi mitt pass, tul u wisa' minn kull ġenb. Fil-ġenb tan-naħa tax-Xerq (jew il-Vant) kien hemm il-midbaħ, jiġifieri l-artal, li fuqu kienu jaħarqu l-bhejjem, l-ingħâġ u l-ifrât, bi dbiħa f'ġieħ Alla.

Quddiem il-midbaħ kien hemm żewġ swali kbar, jinfdu l-waħda mal-oħra, mifrudin bi star. Fis-sala tal-ewwel kien hemm il-**menôra,** jew kandlier tas-seba' msiebaħ u l-mejda tal-ħobż u l-kenun tat-tibħîr. Dal-kenun kellu n-nar dejjem jixgħel fuqu, u l-qassis tal-ġimgħa (jiġifieri dak li kien imissu jagħmel dax-xogħol, ma' tul ġimgħa) kien jixħet fuq in-nar tal-kenûn il-bħur darbtejn kull jum. Is-sala l-oħra kienet battâla u mudlâma. Il-Lhud kienu jgħidu, u jaħsbu, li kienet tgħammar fiha r-Ruħ t'Alla, jew ix-Xekna (bil-Malti: s-Siekna, jiġifieri, dik li tiskenn) u kien jidħol f'dik is-sala l-qassis il-kbir Lhudi, darba fis-sena biss, nhar Għid il-Maħfra. Il-qassis kien iqiegħed mabħra tad-deheb mixgħula, fuq ħaġra li kien hemm f'nofsha (fejn qabel ma ntilfet kienet qegħda l-Arka tal-Liġi), u jarġa' joħroġ mill-ġdid.

It-tul tat-Tempju kien ta' qrib il-ħames mija u għoxrin (520) qasba Ingliża jew **jarda,** u l-wisa' tiegħu ta' xi tliet mija u għoxrin (320). Ix-Xara' tal-Furjana, ta' Malta, fiha tul ta' qrib il-mitejn u tlieta u tletin (233) qasba Ingliża, u l-wisa' ta' xi sebgħa u sebgħin (77). Jiġifieri, t-tul tat-Tempju ta' Ġerusalem kien ftit aktar minn darbtejn it-tul tax-Xara' tal-Furjana, u l-wisa' tiegħu aktar mix-Xara' tal-Furjana fuq l-erba' darbiet.

Dan hu ħjiel ta' kif kien it-Tempju ta' Ġerusalem fi żmien Kristu. Imma barra minn dan li rajna kien fih ħafna rqaqat oħra li hawn għal qosor ma semmejniehomx.

Ximôn Bar-Josef.